# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Ilona Bartolo

Illum 26 ta` Novembru, 2024

Il-Qorti rat-l-imputazzjonijiet fil-konfront ta’Ilona Bartolo, Bint Emmanuel u Maria Assunta nee Cassar, imwielda fit-08/09/1987, ID 0410787M u toqghod 35, Tudor Court, Fl 8, Triq Pietru Xuereb, Pieta`.

Billi int akkuzata talli fil-21 ta’ Mejju, 2022 ghall-habta ta’ 11.20 hrs fi Triq L-Assedju l-Kbir, il-Belt Valletta soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni IQZ658;

1. B`manjiera traskurata,
2. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera perikoluza.
3. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera bla kont.
4. U aktar meta b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta' tharis tar-

regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` Martin Mallia skond kif iccertifika Dr Jacob M. Tanti  M.D. mill-MDH.

5. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma` vettura nru. SBB511w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta` Simon Borg Barthet,

6. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma` vettura nru. JBH545 involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta` Melchiorre Mallia,

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 15 (1) (a) (2)  L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.Kap 65 u Artikolu  226 (1) ( c) u 328(d) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u d-difiza.

L-imputata ghazlet li ma tixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**Carmen Mallia** xehdet hekk**:**

Pros: Sinjura Mallia inti rrapportajt xi ħaġa lill- pulizija, ġara xi ħaġa u l-pulizija kienu involuti?

Xhud: Le aħna konna telgħin.

Pros: Aħna min?

Xhud: Jiena u r-raġel konnha telghin,

Qorti: Ir-ragel min hu?

Xhud: Martin Mallia.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat Martin Mallia.

Xhud: Konna telgħin bil-karozza, Excelsior kif tispicca t-triq.

Pros: Direzzjoni lejn fejn-sinjura Excelsior direzzjoni Furjana jew direzzjoni il-Belt.

Xhud: Direzzjoni il-Furjana.

Pros: Il-Furjana in-naħa tal-librerija jew in-naħa biex tidħol il-Belt?

Xhud: Aħna konna telgħin, kif tinżel hekk ghal librerija hemmhekk eżatt konnha telgħin u minn imkien giet karozza,

Qorti: Minn imkien x'jiġifieri?

Xhud: Għax rajniha ġejja xkanata,

Qorti: Intom fejn kontu?

Xhud: Aħna konna qegħdin fil-karozza Great Siege road ħdejn l-Excelsior u baqgħet dieħla fuqna,

Qorti: Minn fejn sinjura quddiemkom?

Xhud: Minn quddiem ġiet xkanat hekk minn quddiem. Ġiet baqgħet dieħla fuqna gass down ir-raġel peress li għandu 5 molol beda juġagħ sidru u kellu idejh miftuħa minn hawn ghall-hawn ħareġ bil-karozza għax peress li infetħet l-airbag beda qisu ħiereġ duħħan u ħsibniha qed taqbad imma mbagħad waqali ma l-art kien hemm 2 nisa ma nafx min huma għadni sal-lum ma nafx min huma u ċemplu l-ambulanza u ġew il-pulizija u morna l-isptar għamlulu 21 pont f'idejh. Jiena kulma kelli daqqa fi spallti biss bis-seat belt dak kollox naf li ġie xkanata daħlet fuqna ġol-ħajt ta' warajna u ġol-ħajt.

Pros: Il-karozza tagħkom x'kienet sinjura?

Xhud: Toyota Vitz.

Pros: U l-karozza li qed tgħid li daħlet fuqkom x'kienet?

Xhud: Dak il ħin ma nafx.

Pros: Forsi tiftakar xi kulur tagħha tiftakar min kien qed isuqha?

Xhud: Hija ma ħarġitx minn ġol karozza hi.

Pros: Għalfejn qed tgħid hi?

Xhud: Għax hi u ġejja rajtha li mara.

Pros: Jekk tħares ġo dil-awla qed taraha?

Xhud: Dik hemm ara.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputata Ilona Bartolo.

Pros: Il-karozza l-oħra li qed tgħid ta' warajkom?

Qorti: Kemm kienu involuti karozzi f`dan l-inċident?

Xhud: Tnejn.

L-imputat tkellem u qal : Tlieta.

Qorti: Ieqaf ma tistax tkompli tixhed stante li l- imputat taha struzzjonijiet lix-xhud il-Qorti twaqqaf ix-xhud ma tkompli tixhed.

**<u>Melchiore Mallia,</u>** xehed hekk:

Pros: Melchior inti rajt xi ħaġa u kien hemm il-pulizija kienu involuti fiha?

Xhud: Jiena ċempluli allura li ħabat missieri just mort u kien hemm?

Pros: Meta sinjur?

Xhud: Dakinhar tal-ħabta stess.

Pros: Taf meta kienet?

Xhud: 21 ta` Mejju.

Pros: Ta' liema sena?

Xhud: 2021.

Pros: U x`rajt sinjur?

Xhud: Xejn rajt lil l-ambulanza jieħdu lil missieri.

Pros: Fejn fejn kienet?

Xhud: Triq il-ġdida aħna ngħidulha?

Xhud: Lokalita?

Xhud: Valletta aħna u deħlin quddiem l-Excelsior.

Pros: Quddiem l-Excelsior direzzjoni il-fejn?

Xhud: Missieri tieghla lejn il-Phenocia u l-karozza l- oħra nieżla lejn l-Excelsior.

Pros: X'karozza kellu missierek?

Xhud: Missier il-karozza tiegħi Vitz bajda.

Qorti: Jiġifieri l-karozza li kien fiha kienet propjeta tieghek?

| | |
|---|---|
| Xhud: | Iva. |
| Pros: | Number plate? |
| Xhud: | JBH 545. |
| Qorti: | U x' ġaralek l-karozza tiegħek total lost. |
| Xhud: | Għandi ritratti qegħdin fuq il-mobile. |
| Qorti: | Le fuq il-mobile ma joqgħodx sinjur trid tkun printed. |
| Xhud: | Jiena l-insurance kienu ħallsu ghax kienu qatawha li hija ghall Scrap il-karozza, kienu tawni hmistax il-mija u l-karozza ghall Scrap. |
| Avu: | Mela id-daqqa li kellha karozza tista' tgħidli fejn kienet li ma liema parti tal-karozza kien hemm id-daqqa? |
| Xhud: | In-naha tal-mudguard u zewg biebien. |
| Avu: | Jiġifieri fl-liem naha? |
| Xhud: | In-naħa tax-xufier. |

Avu: Issa it-triq minn fejn saret il-ħabta kien hemm crossroads le kien hemm triq oħra, issa dik it-triq l-oħra one way x'inhi? Faccata tad=daqqa x`triq kien hemm?

Xhud: Ahna nghidlulha triq il-gdida uu ahna u nezlin lejn il-Belt.

Avu: L-insurance halsukom kollox?

Xhud: L-insurance hallsitni lili.

Avu: Jigifieri int kellek insurance?

Xhud: Ijja mela just il karozza sellifta l-missieri jiena dak kollox.

Avu: M`ghandix domandi.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu2: Inti tikkonferma li inti ma kontx prezenti ghall daqstant id-dinamika tal-incident perse dak il ħin ma tistax tikkummenta?

Xhud: Le ma kontx hemm.

Avu2: Dak kollox.

**<u>Sarah Louise Borg Barthet,</u>** xehdet hekk

Pros: Ms. Barthet sinjura kont involuta f'inċident?

Xhud: Iva.

Pros: Tispjegalna meta fejn u x' rajt?

Xhud: Mela konna qegħdin insuqu mar-ringroad?

Xhud: Fl-aħħar ta' Mejju tas-sena l-oħra. Konna qegħdin insuqu fejn Great Siege road, aħna konna qegħdin insuqu f'direzzjoni partikolari u s-sewwieq l-ieħor kien ġej min-naħa l-oħra u ħabtet fil- karozza ta' quddiemna kienet ġejja mid-direzzjoni opposta tad-direzzjoni li konna mexjin aħna. Ħabtet mal-karozza ta' quddiemna u bil-karozza għamlet forma ta zigzag in-naħa l-oħra.

Qorti: Bdiet isserrep?

Xhud: Iva ħabtet ma' karozza quddiemna bdiet isserrep imbagħad laqtet il-karozza tagħna.

Qorti: Liema direzzjoni kienet sejra?

Xhud: Liema Direzzjoni kienet sejrin huma?

Xhud: Huma kienu ħerġin mill-Belt u kienet ġejja min naħa opposta.

Pros: Meta qalet aħna aħna min?

Xhud: Hi u r-raġel tagħha Smon Borg Barthet.

Qorti: Ix xhud indikat lil imputat simon Borg Barthet.

Pros: Spjegalna dil-persuna li qed tgħid li baqgħet dieħla ġol-karozza tagħkom tiftakar il-karozza x`kienet u jekk hux qed tarafha go din l-awla?

Xhud: Karozza sewdada ma tiftakarx il-marka Taħseb li Toyota mhix ċerta.

Qorti: Qed tarafha hawnekk din il-mara?

Xhud: Iva.

Qorti: Ix-xhud indikat l-imputata Ilona Bartolo.

Pros: U tiftakar min kien hemm il-karozza ta' qabilkom?

Xhud: Kien hemm fil-karozza ta' quddiemna kien hemm koppja avvanzata.

Pros: Qed taghraf hawnhekk go din l-awla in-nies li kienu hemm qed tagħrafhom ġo dil-awla?

Xhud: Ix-xhud qed tgħid illi ġol-kamra mhumiex qegħdin għarrfithom kien meta kienu barra mill-awla.

Pros: IL-karozza tagħhom x'ġarrbet bħala hsarat?

Xhud: Meta ħabtet ġewwa l-barrieri kien hemm ħsara estensiva mal-bumper ta' quddiem taghhom.

Qorti: Il-barriera ħabtet il-karozza tagħha jew l-oħra?

Xhud: Meta ħabtet ġol-karozza tagħna il-karozza tagħna ħabtet mal-barrier li kien hemm fit-triq u hemmhekk ġarrab ġarrbet ħsarat, u kien hemm xi ħsara wkoll meta kien hemm kollużjoni bejn karozza tal-parti l-oħra u l-karozza tagħhom.

Pros: Minn fejn kont inti stajt taraha ġejja quddiemkom mil-mod ta' kif bdiet issuq il-karozza.

Qorti: Minn fejn ġiet?

Xhud: Iva kienet qed isserrep rajniha ġejja.

Qorti: Minn fejn ġiet minn faċċata jew minn xi triq laterali?

Xhud: Minn faċċata.

Pros: B'liema mod kienet qed issuq?

Xhud: Kienet qed issuq b'mod qaltli bl-ingliz.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu2: Mela sinjura spjegajt li kontu qegħdin ġo triq mela tista' tispjegalna d-direzzjoni li kienu sejrin?

Qorti: Hergin mill-Belt qaltlek.

Avu2: Ok, mela issa spjegajt illi rajtuha ġejja, kien hemm xi mod li seta' jevitha r-raġel?

Xhud: Le kieku aħna bqajna mexjin dritti konnha nidħlu ġo fiha xorta wahda u kieku dorna max-xellug konna xorta wahda nidħlu ġewwa l-barrier, xorta wahda kienet se tidħol ġo fina.

Qorti: Jiġifieri kienet qed tagħlaq lane l-opposta innifish nassumi minn fejn kienet ġejja hekk qed tgħid?

Xhud: X-xhud qed tindika li kieku baqgħu mexjin dritt xorta wahda kienet se tidħol ġo fihom u kieku mxew mal-lemin xorta wahda kienu jidħlu ġol- barrier.

Qorti: U kieku marret fuq ix-xellug kienet issib il-karozza l?

Xhud: Iva.

Avu2: Mela spjegajt li kontu ħerġin mill-Belt tiftakar f'liema post eżatt kontu bil-karozza?

Xhud: Eżatti fejn il-Hotel Excelsior.

Avu2: Issa inti għedt li kienet ġejja minn quddiemkom jiġifieri mill-karreġġjata ta' ħdejkom kienet ġejja ta kontra?

Xhud: Iva.

Avu2: Xejn iktar jiena sinjura.

**Andrea Bondin,** xehed hekk

Xhud: Iva nahlef, Rapprezentant Gasan Mamo Insurance, mela ġejt mitlub biex nixhed fuq aċċident li seħħ fil 21 ta' Mejju tal-2022 li kien seħħ il-Belt. Jiena miegħi hawnhekk ġibt

prospett tad-danni  fuq il-vetturi kollha li ħallasna aħna ghax aħna ħallasna kollox taħt il-claim ta' tal-vettura IQZ 658 li kienet Toyota Aygo.

Qorti: Nafu ta` min hi?

Xhud: Sid il-karozza hu Auto Rentals u d-driver kienet Ilona Bartolo.

Qorti: U hallastu l-claim intom?

Xhud: Iva u anke terzi persuni.

Qorti: Mela DOK AB1 prospett tad-danni.

Xhud: Fuq it-3 li huma ghandi survey report u l-kontijiet fuq il-vettura JBH 545 DOK AB2, survey report fuq il-vettura IQZ 658 DOK AB3, u dokumenti fuq il-vettura SBB 511 DOK AB4.

Qorti: Kontro Ezami?

Abu2: Mela intom it-tliet vetturi kienu inxurjati magħkom hux hekk?

Xhud: Le tal-Auto Rentals biss kienet inxurjata maghna li kienet qed issuqa Ilona Bartolo.

Avu2: Orajt intom lilha hallastuha bhala insurance?

Xhud: Iva lil Auto Rentals hallasna lil owner.

Qorti: Nassumi kienu comprehensive?

Xhud: Iva kienu comprehensive.

Au2: U intom ghamiltu xi nvestigazzjoni fuq l-inċident?

Xhud: Irriżulta li kienet responsabbli Ilona Bartolo allura ħallasna.

Avu2: Grazzi thank you.

**Martin Mallia,** xehed hekk:

Avu: Sinjur tista' tgħidilna x'ġara dakinhar?

Xhud: Aħna konna ta' sejrin jien u l-mara konna fejn iċ-ċimiterju kif wasalna ħdejn il-Phoenicia rajt il-karozza ta` din ġejja,

Qorti: Ta` din min?

Xhud: Ilona.

Qorti: Qed taraha fl-awla?

Xhud: Iva dik.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputata Ilona Bartolo, mela minn fejn kienet gejja?

Xhud: Hi daret mar-roundabout minn naħa ta' fuq.

Qorti: Ir-roundabout fejn?

Xhud: Ta` quddiem il-Phoenicia.

Qorti: Orrajt ta' fuq nett jiġifieri?

Xhud: U baqet gejja wrong way u baqgħet dieħla ġo fija.

Avu: Jiġifieri inti fejn sar il-ħabta fejn kontu eżatt?

Xhud: Ftit l-isefl,

Qorti: Int qed tghid roundabout ta fejn hemm il-ministeri kollha qed tghid inti?

Xhud: Ehe dik ir=roundabout li saret gdida.

Qorti: U daret wrong way maghha?

Xhud: Hi daret tajjeb imbagħad baqgħet ġejja wrong way ghall-fuqna.

Avu: Tiftakar id-data?

Xhud: Ma niftakariex ezatt. tiftakar id data.

Avu: B'liema manjiera kienet issuq Ilona?

Xhud: Ma nafx dak il-hin imbagħad mad-daqqa,

Qorti: Taf li giet wrong way ghall-fuqek?

Xhud: Ehe.

Qorti: Mad-daqqa xi ġralek?

Xhud: Mad-daqqa tani hass hazin naf li kelli jdejja bid-demm u xuftejja u wicci mad-daqqa,  Imbagħad ħarġuni mill-karozza tani hass ħażin dak li naf u sibt ruħi l-isptar.

Avu: Imbagħad x'għamilt wara wara l-inċident mort x`imkien?

Xhud: Xejn ghamilli 21 punt f'idejja, fil-minkeb eżatt u ħallewni xi tliet sigħat jew erba' sigħat hemmhekk mbaghad qalli tista' tmur qalli għax il- qalb kollox sew allura tista' tmur id-dar għax imbagħad filkaz jekk tara li tkun mugugh jew xi haga erga ejja.

Qorti: Kontro eżami.

Avu: Xejn sinjura.

**Simon Borg Barthet,** xehed hekk**:**

Avu: Spjegalna Simon dakinhar tal-inċident x`ġara fejn kont u ma' min kont?

Xhud: Jiena kont mal-mara. Mal-mara Sarah Borg Barthet konnha telgħin fil-karozza tiegħi l-Excelsior triq l-Assedju l-Kbir.

Avu: Mela x'inhi l-karozza l-għamla tal-karozza tiegħek?

Xhud: SBB 511 Porche konna telgħin dik it telgħa ta' fejn tal-Excelsior biex noħorġu mill-Belt wasalna quddiemna kien hemm il-karozza Toyota Vitz ta' tas-sinjur.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat Martin Mallia.

Xhud: F'daqqa wahda rajt il-karozza li kienet ġejja minn faċċata karozza tal-għamla Toyota Aygo sewda li daħlet fil-karozza ta` quddiemna ġejja minn faċċata mbagħad bdiet isserrep u ġiet fuqna u ħabtet fina.

Avu: Issa x' danni sofriet il-karozza?

Xhud: Jiena meta l-karozza daħlet fina imbuttat il-karozza fir-rail tan-naħa tax-xellug. Barra minn hekk kelli danni fuq il-quddiem u l-ġenb tal-karozza meta meta daħlet fit-Toyota Aygo.

Qorti: Jigifieri hi ressqitek hi?

Xhud: Iva.

Avu: Inti semmejt kien hemm karozza qablek, it-traffik kif kien it-traffiku?

Xhud: It-traffiku moderat kien dak dakinhar ma kienx hemm ħafna karozzi naħseb bħala distakk bejni u l-karozza ta` quddiemi forsi kien hemm forsi 25m ma kienx hemm ħafna imma ma konniex għaddejjin xi veloċità qawwija. Anki bħala karozzi ġejjin minn naħa l-oħra kienu kmieni hawnhekk jien naħseb kważi xi l-10 ta' filgħodu ma kienx hemm traffic kien weekend.

Qorti: Xi ħaġa oħra mis sinjur xi kontro eżami?

Avu: Xejn.

PS 1083 David Ellul xehed permezz ta' affidavit Rat l-artikoli L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.Kap 65 u Artikolu 328 (c) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u d-difiza

Rat ix-xhieda tal-imputat

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta

Semghet it-trattazjoni

**Ikkunsidrat**

**Carmen Mallia** xehdet hekk **:**

Pros: Sinjura Mallia inti rrapportajt xi ħaġa lill-Pulizija, ġara xi ħaġa u l-Pulizija kienu involuti?

Xhud: Le aħna konna telgħin.

Pros: Aħna min?

Xhud: Jiena u r-raġel konnha telghin,

Qorti: Ir-ragel min hu?

Xhud: Martin Mallia.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat Martin Mallia.

Xhud: Konna telgħin bil-karozza, Excelsior kif tispicca t-triq.

Pros: Direzzjoni lejn fejn-sinjura Excelsior direzzjoni Furjana jew direzzjoni il-Belt.

Xhud: Direzzjoni il-Furjana.

Pros: Il-Furjana in-naħa tal-librerija jew in-naħa biex tidħol il-Belt?

Xhud: Aħna konna telgħin, kif tinżel hekk ghal librerija hemmhekk eżatt konnha telgħin u minn imkien giet karozza,

Qorti: Minn imkien x'jiġifieri?

Xhud: Għax rajniha ġejja xkanata,

Qorti: Intom fejn kontu?

Xhud: Aħna konna qegħdin fil-karozza Great Siege road ħdejn l-Excelsior u baqgħet dieħla fuqna,

Qorti: Minn fejn sinjura quddiemkom?

Xhud: Minn quddiem ġiet xkanat hekk minn quddiem. Ġiet baqgħet dieħla fuqna gass down ir-raġel peress li għandu 5 molol beda juġagħ sidru u kellu idejh miftuħa minn hawn ghall-hawn ħareġ bil-karozza għax peress li infetħet l-airbag beda qisu ħiereġ duħħan u ħsibniha qed taqbad imma mbagħad waqali ma l-art kien hemm 2 nisa ma nafx min huma għadni sal-lum ma nafx min huma u ċemplu l-ambulanza u ġew il-pulizija u morna l-isptar għamlulu 21 pont f'idejh. Jiena kulma kelli daqqa fi spallti biss bis-seat belt dak kollox naf li ġie xkanata daħlet fuqna ġol-ħajt ta' warajna u ġol-ħajt.

Pros: Il-karozza tagħkom x'kienet sinjura?

Xhud: Toyota Vitz.

Pros: U l-karozza li qed tgħid li daħlet fuqkom x'kienet?

Xhud: Dak il ħin ma nafx.

Pros: Forsi tiftakar xi kulur tagħha tiftakar min kien qed isuqha?

Xhud: Hija ma ħarġitx minn ġol karozza hi.

Pros: Għalfejn qed tgħid hi?

Xhud: Għax hi u ġejja rajtha li mara.

Pros: Jekk tħares ġo dil-awla qed taraha?

Xhud: Dik hemm ara.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputata Ilona Bartolo.

Pros: Il-karozza l-oħra li qed tgħid ta' warajkom?

Qorti: Kemm kienu involuti karozzi f`dan l-inċident?

Xhud: Tnejn.

L-imputat tkellem u qal : Tlieta.

Qorti: Ieqaf ma tistax tkompli tixhed stante li l- imputat taha struzzjonijiet lix-xhud il-Qorti twaqqaf ix-xhud ma tkompli tixhed.

**<u>Melchiore Mallia,</u>** xehed hekk:

Pros: Melchior inti rajt xi ħaġa u kien hemm il-pulizija kienu involuti fiha?

Xhud: Jiena ċempluli allura li ħabat missieri just mort u kien hemm?

Pros: Meta sinjur?

Xhud: Dakinhar tal-ħabta stess.

Pros: Taf meta kienet?

Xhud: 21 ta` Mejju.

Pros: Ta' liema sena?

Xhud: 2021.

Pros: U x`rajt sinjur?

Xhud: Xejn rajt lil l-ambulanza jieħdu lil missieri.

Pros: Fejn fejn kienet?

Xhud: Triq il-ġdida aħna ngħidulha?

Xhud: Lokalita?

Xhud: Valletta aħna u deħlin quddiem l-Excelsior.

Pros: Quddiem l-Excelsior direzzjoni il-fejn?

Xhud: Missieri tieghla lejn il-Phenocia u l-karozza l- oħra nieżla lejn l-Excelsior.

Pros: X'karozza kellu missierek?

Xhud: Missier il-karozza tiegħi Vitz bajda.

Qorti: Jiġifieri l-karozza li kien fiha kienet propjeta tieghek?

Xhud: Iva.

Pros: Number plate?

Xhud: JBH 545.

Qorti: U x' ġaralek l-karozza tiegħek total lost.

Xhud: Għandi ritratti qegħdin fuq il-mobile.

Qorti: Le fuq il-mobile ma joqgħodx sinjur trid tkun printed.

Xhud: Jiena l-insurance kienu ħallsu ghax kienu qatawha li hija ghall Scrap il-karozza, kienu tawni hmistax il-mija u l-karozza ghall Scrap.

Avu: Mela id-daqqa li kellha karozza tista' tgħidli fejn kienet li ma liema parti tal-karozza kien hemm id-daqqa?

Xhud: In-naha tal-mudguard u zewg biebien.

Avu: Jiġifieri fl-liem naha?

Xhud: In-naħa tax-xufier.

Avu: Issa it-triq minn fejn saret il-ħabta kien hemm crossroads le kien hemm triq oħra, issa dik it-triq l-oħra one way x'inhi? Faccata tad=daqqa x`triq kien hemm?

Xhud: Ahna nghidlulha triq il-gdida uu ahna u nezlin lejn il-Belt.

Avu: L-insurance halsukom kollox?

Xhud: L-insurance hallsitni lili.

Avu: Jigifieri int kellek insurance?

Xhud: Ijja mela just il karozza sellifta l-missieri jiena dak kollox.

Avu: M`ghandix domandi.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu2: Inti tikkonferma li inti ma kontx prezenti ghall daqstant id-dinamika tal-incident perse dak il ħin ma tistax tikkummenta?

Xhud: Le ma kontx hemm.

Avu2: Dak kollox.

**<u>Sarah Louise Borg Barthet,</u>** xehdet hekk

Pros: Ms. Barthet sinjura kont involuta f'inċident?

Xhud: Iva.

Pros: Tispjegalna meta fejn u x' rajt?

Xhud: Mela konna qegħdin insuqu mar-ringroad?

Xhud: Fl-aħħar ta' Mejju tas-sena l-oħra. Konna qegħdin insuqu fejn Great Siege road, aħna konna qegħdin insuqu f'direzzjoni partikolari u s-sewwieq l-ieħor kien ġej min-naħa l-oħra u ħabtet fil- karozza ta' quddiemna kienet ġejja mid-direzzjoni opposta tad-direzzjoni li konna mexjin aħna. Ħabtet mal-karozza ta' quddiemna u bil-karozza għamlet forma ta zigzag in-naħa l-oħra.

Qorti: Bdiet isserrep?

Xhud: Iva ħabtet ma' karozza quddiemna bdiet isserrep imbagħad laqtet il-karozza tagħna.

Qorti: Liema direzzjoni kienet sejra?

Xhud: Liema Direzzjoni kienet sejrin huma?

Xhud: Huma kienu ħerġin mill-Belt u kienet ġejja min naħa opposta.

Pros: Meta qalet aħna aħna min?

Xhud: Hi u r-raġel tagħha Smon Borg Barthet.

Qorti: Ix xhud indikat lil imputat simon Borg Barthet.

Pros: Spjegalna dil-persuna li qed tgħid li baqgħet dieħla ġol-karozza tagħkom tiftakar il-karozza x`kienet u jekk hux qed tarafha go din l-awla?

Xhud: Karozza sewdada ma tiftakarx il-marka Taħseb li Toyota mhix ċerta.

Qorti: Qed tarafha hawnekk din il-mara?

Xhud: Iva.

Qorti: Ix-xhud indikat l-imputata Ilona Bartolo.

Pros: U tiftakar min kien hemm il-karozza ta' qabilkom?

Xhud: Kien hemm fil-karozza ta' quddiemna kien hemm koppja avvanzata.

Pros: Qed taghraf hawnhekk go din l-awla in-nies li kienu hemm qed tagħrafhom ġo dil-awla?

Xhud: Ix-xhud qed tgħid illi ġol-kamra mhumiex qegħdin għarrfithom kien meta kienu barra mill-awla.

Pros: IL-karozza tagħhom x'ġarrbet bħala hsarat?

Xhud: Meta ħabtet ġewwa l-barrieri kien hemm ħsara estensiva mal-bumper ta' quddiem taghhom.

Qorti: Il-barriera ħabtet il-karozza tagħha jew l-oħra?

Xhud: Meta ħabtet ġol-karozza tagħna il-karozza tagħna ħabtet mal-barrier li kien hemm fit-triq u hemmhekk ġarrab ġarrbet ħsarat, u kien hemm xi ħsara wkoll meta kien hemm kollużjoni bejn karozza tal-parti l-oħra u l-karozza tagħhom.

Pros: Minn fejn kont inti stajt taraha ġejja quddiemkom mil-mod ta' kif bdiet issuq il-karozza.

Qorti: Minn fejn ġiet?

Xhud: Iva kienet qed isserrep rajniha ġejja.

Qorti: Minn fejn ġiet minn faċċata jew minn xi triq laterali?

Xhud: Minn faċċata.

Pros: B'liema mod kienet qed issuq?

Xhud: Kienet qed issuq b'mod qaltli bl-ingliz.

Pros: M`ghandix iktar mistoqsijiet.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu2: Mela sinjura spjegajt li kontu qegħdin ġo triq mela tista' tispjegalna d-direzzjoni li kienu sejrin?

Qorti: Hergin mill-Belt qaltlek.

Avu2: Ok, mela issa spjegajt illi rajtuha ġejja, kien hemm xi mod li seta' jevitha r-raġel?

Xhud: Le kieku aħna bqajna mexjin dritti konnha nidħlu ġo fiha xorta wahda u kieku dorna max-xellug konna xorta wahda nidħlu ġewwa l-barrier, xorta wahda kienet se tidħol ġo fina.

Qorti: Jiġifieri kienet qed tagħlaq lane l-opposta innifish nassumi minn fejn kienet ġejja hekk qed tgħid?

Xhud: X-xhud qed tindika li kieku baqgħu mexjin dritt xorta wahda kienet se tidħol ġo fihom u kieku mxew mal-lemin xorta wahda kienu jidħlu ġol- barrier.

Qorti: U kieku marret fuq ix-xellug kienet issib il-karozza l?

Xhud: Iva.

Avu2: Mela spjegajt li kontu ħerġin mill-Belt tiftakar f'liema post eżatt kontu bil-karozza?

Xhud: Eżatti fejn il-Hotel Excelsior.

Avu2: Issa inti għedt li kienet ġejja minn quddiemkom jiġifieri mill-karreġġjata ta' ħdejkom kienet ġejja ta kontra?

Xhud: Iva.

Avu2: Xejn iktar jiena sinjura.

**Andrea Bondin,** xehed hekk

Xhud: Iva nahlef, Rapprezentant Gasan Mamo Insurance, mela ġejt mitlub biex nixhed fuq aċċident li seħħ fil 21 ta' Mejju tal-2022 li kien seħħ il-Belt. Jiena miegħi hawnhekk ġibt prospett tad-danni fuq il-vetturi kollha li ħallasna aħna ghax aħna ħallasna kollox taħt il-claim ta' tal-vettura IQZ 658 li kienet Toyota Aygo.

Qorti: Nafu ta` min hi?

Xhud: Sid il-karozza hu Auto Rentals u d-driver kienet Ilona Bartolo.

Qorti: U hallastu l-claim intom?

Xhud: Iva u anke terzi persuni.

Qorti: Mela DOK AB1 prospett tad-danni.

Xhud: Fuq it-3 li huma ghandi survey report u l-kontijiet fuq il-vettura JBH 545 DOK AB2, survey report fuq il-vettura IQZ 658 DOK AB3, u dokumenti fuq il-vettura SBB 511 DOK AB4.

Qorti: Kontro Ezami?

Abu2: Mela intom it-tliet vetturi kienu inxurjati magħkom hux hekk?

Xhud: Le tal-Auto Rentals biss kienet inxurjata maghna li kienet qed issuqa Ilona Bartolo.

Avu2: Orajt intom lilha hallastuha bhala insurance?

Xhud: Iva lil Auto Rentals hallasna lil owner.

Qorti: Nassumi kienu comprehensive?

Xhud: Iva kienu comprehensive.

Au2: U intom ghamiltu xi nvestigazzjoni fuq l-inċident?

Xhud: Irriżulta li kienet responsabbli Ilona Bartolo allura ħallasna.

Avu2: Grazzi thank you.

**<u>Martin Mallia,</u>** xehed hekk:

Avu: Sinjur tista' tgħidilna x'ġara dakinhar?

Xhud: Aħna konna ta' sejrin jien u l-mara konna fejn iċ-ċimiterju kif wasalna ħdejn il-Phoenicia rajt il-karozza ta` din ġejja,

Qorti: Ta` din min?

Xhud: Ilona.

Qorti: Qed taraha fl-awla?

Xhud: Iva dik.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputata Ilona Bartolo, mela minn fejn kienet gejja?

Xhud: Hi daret mar-roundabout minn naħa ta' fuq.

Qorti: Ir-roundabout fejn?

Xhud: Ta` quddiem il-Phoenicia.

Qorti: Orrajt ta' fuq nett jiġifieri?

Xhud: U baqet gejja wrong way u baqgħet dieħla ġo fija.

Avu: Jiġifieri inti fejn sar il-ħabta fejn kontu eżatt?

Xhud: Ftit l-isefl,

Qorti: Int qed tghid roundabout ta fejn hemm il-ministeri kollha qed tghid inti?

Xhud: Ehe dik ir=roundabout li saret gdida.

Qorti: U daret wrong way maghha?

Xhud: Hi daret tajjeb imbagħad baqgħet ġejja wrong way ghall-fuqna.

Avu: Tiftakar id-data?

Xhud: Ma niftakariex ezatt. tiftakar id data.

Avu: B'liema manjiera kienet issuq Ilona?

Xhud: Ma nafx dak il-hin imbagħad mad-daqqa,

Qorti: Taf li giet wrong way ghall-fuqek?

Xhud: Ehe.

Qorti: Mad-daqqa xi ġralek?

Xhud: Mad-daqqa tani hass hazin naf li kelli jdejja bid-demm u xuftejja u wicci mad-daqqa, Imbagħad ħarġuni mill-karozza tani hass ħażin dak li naf u sibt ruħi l-isptar.

Avu: Imbagħad x'għamilt wara wara l-inċident mort x`imkien?

Xhud: Xejn ghamilli 21 punt f'idejja, fil-minkeb eżatt u ħallewni xi tliet sigħat jew erba' sigħat hemmhekk mbaghad qalli tista' tmur qalli għax il- qalb kollox sew allura tista' tmur id-dar għax imbagħad filkaz jekk tara li tkun mugugh jew xi haga erga ejja.

Qorti: Kontro eżami.

Avu: Xejn sinjura.

**Simon Borg Barthet,** xehed hekk**:**

Avu: Spjegalna Simon dakinhar tal-inċident x`ġara fejn kont u ma' min kont?

Xhud: Jiena kont mal-mara. Mal-mara Sarah Borg Barthet konnha telgħin fil-karozza tiegħi l-Excelsior triq l-Assedju l-Kbir.

Avu: Mela x'inhi l-karozza l-għamla tal-karozza tiegħek?

Xhud: SBB 511 Porche konna telgħin dik it telgħa ta' fejn tal-Excelsior biex noħorġu mill-Belt wasalna quddiemna kien hemm il-karozza Toyota Vitz ta' tas-sinjur.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat Martin Mallia.

Xhud: F'daqqa waħda rajt il-karozza li kienet ġejja minn faċċata karozza tal-għamla Toyota Aygo sewda li daħlet fil-karozza ta` quddiemna ġejja minn faċċata mbagħad bdiet isserrep u ġiet fuqna u ħabtet fina.

Avu: Issa x' danni sofriet il-karozza?

Xhud: Jiena meta l-karozza daħlet fina imbuttat il-karozza fir-rail tan-naħa tax-xellug. Barra minn hekk kelli danni fuq il-quddiem u l-ġenb tal-karozza meta meta daħlet fit-Toyota Aygo.

Qorti: Jigifieri hi ressqitek hi?

Xhud: Iva.

Avu: Inti semmejt kien hemm karozza qablek, it-traffik kif kien it-traffiku?

Xhud: It-traffiku moderat kien dak dakinhar ma kienx hemm ħafna karozzi naħseb bħala distakk bejni u l-karozza ta` quddiemi forsi kien hemm forsi 25m ma kienx hemm ħafna imma ma konniex għaddejjin xi veloċità qawwija. Anki bħala karozzi ġejjin minn naħa l-oħra kienu kmieni hawnhekk jien naħseb kważi xi l-10 ta' filgħodu ma kienx hemm traffic kien weekend.

Qorti: Xi ħaġa oħra mis sinjur xi kontro eżami?

Avu: Xejn.

PS 1083 David Tanti xehed permezz ta’ affidavit

It-tabib Jacob Micallef Tanti xehed permezz ta, affidavit rigwardanti Martin Mallia

**Ikkunsidrat**

Illi mix-xhieda kollha jidher car li l-imputata kienet hi li ikkagunat l-incident tat-traffiku de quo meta tilfet il-kontrol tal-vettura taghha u hi bhekk hatja ta' sewqan perikoluz ai termini tat-tieni (2) akkuza

bl-ewwel (1)u t-tielet (3) akkuzi assorbiti fl-istess u hatja ukoll tar-raba' (4), hames(5) u sitt (6) akkuzi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli Rat l-artikoli 15 (1) (a) (2) L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.Kap 65 u Artikolu 226 (1) ( c) u 328(d) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

issib lil Ilona Bartolo bhekk hatja ta' sewqan perikoluz ai termini tat-tieni (2) akkuza bl-ewwel (1)u t-tielet (3) akkuzi assorbiti fl-istess u hatja ukoll tar-raba' (4), hames(5) u sitt (6) akkuzi u tikkundannha komplessivament ghal multa ta' elf u mitejn euro (1200) , skwalifika mil-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur u 8 punti fuq il-licenzji kollha tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**